Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 65/2003/1

**Henri Darmanin**
**vs**
**Carmelina Debattista u**
**l-Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti:**
Dan hu appell minn decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur taht l-Att dwar l-Elezzjonijiet Generali (Kap. 354).

Henri Darmanin ipprezenta rikors, datat 19 ta' Novembru, 2002, quddiem l-Ufficjal Revizur skond l-Artikolu 40(1) ta' l-imsemmi Att li permezz tieghu talab li Carmelina

Debattista tigi kancellata mir-Registru Elettorali. Ir-raguni tar-rikorrent ghal tali talba hi migjuba hekk fl-imsemmi rikors:

**"Illi din il-persuna [Carmelina Debattista] giet inabilitata mill-Onorabbli Qorti Civili, Sekond Awla b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 2000;**

**Illi fil-kors tal-proceduri msemmija, saret relazzjoni minn perit legali fejn gie certifikat li l-intimat [recte: intimata] ibati minn xi forma ta' mard mentali kif jista' jigi accertat mir-relazzjoni tal-Perit Legali Psikjatra Dottor J. Vella Baldacchino nnifisha, liema relazzjoni tinsab konservata fl-Atti tar-Rikors imsemmi;**

**Illi skond l-Artikolu 58(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jipprovdi ghall-iskwalifika ta' kull elettur li "jkun interdett jew inabilitat minhabba xi mard mentali minn qorti f'Malta", din il-persuna m'hijiex kwalifikata sabiex tkun registrata bhala elettur ghall-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati."**

B'decizjoni tal-20 ta' Frar, 2003 (mhux 20 ta' Jannar, 2003, kif erroneament indikat fir-rikors ta' appell) l-Ufficjal Revizur cahad it-talba ta' Henri Darmanin u dan wara li l-istess Ufficjal Revizur ha l-parir tal-Bord Mediku mwaqqaf skond l-Artikolu 14 tal-Kap. 354 (ara l-verbal registrat quddiem din il-Qorti fl-udjenza ta' l-10 ta' Marzu, 2003). Ghandu jigi precizat li d-decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur, kif jidher minn dak li hemm miktub *di proprio pugno* mill-istess Ufficjal Revizur fuq ir-rikors originali (jigifieri dak tad-19 ta' Novembru, 2002), tghid biss "Michud" u ma taghti ebda raguni jew ragunijiet ghal tali cahda[1].

Henri Darmanin hassu aggravat b'din id-decizjoni u permezz ta' rikors datat 24 ta' Frar, 2003, interpona appell minnha quddiem dina l-Qorti, u dan in forza ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 13(10) tal-imsemmi Kap. 354. L-aggravji tieghu huma tnejn, ghalkemm intimament

[1] L-Artikolu 13(10) tal-Kap. 354 jipprovdi *inter alia* li fid-decizjoni tieghu dwar l-applikazjoni l-Ufficjal Revizur ghandu jiddikjara x'ikunu r-ragunijiet li fuqhom tkun imsejsa d-decizjoni tieghu.

marbuta ma' xulxin, u tista' tghid li jistghu jigu kkunsidrati bhala aggravju wiehed. L-appellant jikkontendi, bazikament, li galadarba kien hemm inabilitazzjoni minn qorti kompetenti minhabba mard mentali, l-Ufficjal Revizur ma setax jiehu l-parir tal-Bord Mediku, izda kellu jaghti effett ghad-decizjoni ta' dik il-qorti kompetenti, u li l-unika prova ammissibbli quddiem l-Ufficjal Revizur kienu l-atti ta' l-inabilitazzjoni tal-persuna involuta. Skond l-appellant Darmanin dik il-prova "hija ta' natura *juris et de jure* u li l-unici difizi ta' l-appellati[2] setghu ikunu jew li d-Digriet gie revokat jew li dak id-digriet jirreferi ghal persuna differenti mill-elettrici appellata".

L-Artikolu 58(a) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:
***"Hadd ma jista' jkun kwalifikat li jkun registrat bhala elettur ghall-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati jekk…ikun interdett jew inabilitat minhabba xi mard mentali minn qorti f'Malta jew ikun xort'ohra deciz f'Malta li jkun ta' mohh marid…"***.

Din id-disposizzjoni, ghalhekk, tikkontempla zewg ipotesijiet: jew (i) decizjoni minn qorti f'Malta ta' interdizzjoni jew inabilitazzjoni minhabba xi mard mentali, jew (ii) decizjoni ohra (li trid pero` tittiehed Malta) li l-persuna in kwistjoni hija "ta' mohh marid". Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemmx dubbju li fit-tieni ipotesi jaqghu dawk id-decizjonijiet, mehuda skond il-ligi, minn, per ezempju il-Kummissjoni Elettorali u l-Ufficjali Revizuri.

Issa, l-Artikolu 14(1) tal-Kap. 354 jipprovdi hekk:

***"Ghandu jitwaqqaf Bord Mediku li lilu jigu riferiti kwistjonijiet dwar jekk persuna li tkun applikat biex tigi registrata bhala elettur jew li tkun diga` hekk registrata, tkun skwalifikata milli tigi hekk registrata skond l-artikolu 58(a) tal-Kostituzzjoni."***

[2] Carmelina Debattista u l-Kummissjoni Elettorali.

Dana l-Bord jassisti kemm lill-Kummissjoni Elettorali kif ukoll lill-Ufficjali Revizuri. Hekk, is-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artkolu 27[3] tal-Kap. 354 jipprovdu hekk:

***(1) Il-Kummissjoni ma tistax tirrifjuta applikazzjoni minn persuna sabiex tigi registrata bhala elettur, jew thassar ir-registrazzjoni ta' elettur, jew taqta' ismu 'l barra mir-Registru Elettorali skond l-Artikolu 58(a) tal-Kostituzzjoni qabel ma l-Kummissjoni tikseb id-decizjoni tal-Bord Mediku mwaqqfa bis-sahha ta' l-artikolu 14 <u>jew hlief jekk dik il-persuna tkun giet interdetta minhabba f'inabilita` tal-mohh minn qorti kompetenti</u>.***

***(2) Id-decizjoni tal-Bord Mediku tkun finali u torbot kemm lill-Kummissjoni u lill-elettur u ma jista' jsir ebda appell dwarha.*** (sottolinear tal-Qorti).

Ghal dak li jirrigwarda l-Ufficjali Revizuri, id-disposizzjonijiet relevanti huma l-Artikolu 13(9) u l-Artikolu 41(2). Ta' l-ewwel jipprovdi li

***"Fil-kaz ta' applikazzjoni jew appelli imsejsa fuq inabilita` tal-mohh, l-Ufficjal Revizur ghandu, ghad li jkunu assenti [fil-jum stabbilit ghas-smigh] l-applikanti jew l-appellant jew l-avukat, il-prokuratur legali jew persuna ohra li tkun qed tirraprezentah, jirreferi l-applikazzjoni jew l-appell lill-Bord Mediku ghad-decizjoni tieghu."***

L-Artikolu 41(2) jipprovdi hekk:

***"Meta l-applikazzjoni tkun ghat-thassir tar-registrazzjoni ta' elettur [minn fuq ir-Registru Elettorali] minhabba f'inabilita` tal-mohh, l-Ufficjal Revizur ghandu minnufih jirreferi dik l-applikazzjoni lill-Bord Mediku msemmi fl-artikolu 27."***

Ghalkemm huwa biss l-Artikolu 27(1) li jaghmel referenza ghal decizjoni ta' qorti kompetenti, u terga' dan riferibbilment biss fil-kaz ta' <u>interdizzjoni</u>, id-

[3] In-nota marginali ta' dana l-artikolu tghid hekk: "Rifjut jew thassir minhabba f'inabilita` tal-mohh".

disposizzjonijiet tal-Kap. 354 iridu necessarjament jinqraw fid-dawl ta’ dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni, u tal-fatt li l-Kostituzzjoni hija l-ligi suprema u ma tistax tigi mibdula, ristretta jew arginata minn ligi ordinarja hlief u sa fejn l-istess Kostituzzjoni tista’ hekk tippermetti. Isegwi, ghalhekk, li meta jkun hemm decizjoni ta’ qorti f’Malta li tinterdici jew tinabilita persuna minhabba xi mard mentali, tali decizjoni ma tistax tkun soggetta ghal revizjoni mill-Bord Mediku aktar ‘l fuq imsemmi. S’intendi, f’kaz bhal dak in dizamina, huwa min jallega li hemm tali decizjoni li jrid jipprova l-istess bil-mod solitu li ssir tali prova. Jizdied jinghad, pero`, li fil-kaz ta’ decizjoni tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili – liema decizjonijiet, f’forma ta’ digrieti, spiss ikunu ferm telegrafici – jekk tali decizjoni ma jkunx fiha specifikatament referenza ghall-mard mentali, wiehed ghandu jezamina l-atti ta’ dik il-procedura partikolari biex jiddetermina bhala fatt jekk dak id-digriet kienx imsejjes fuq “xi mard mentali”. Dan qed jinghad l-aktar b’referenza ghad-digrieti ta’ inabilitazzjoni, peress li tali inabilitazzjoni tista’ tigi ordnata anke minhabba cirkostanza jew cirkostanzi li ma humiex meqjusa li jammontaw ghall-istat patologiku ta’ “mard tal-mohh” fis-sens tal-Artikolu 520(1) tal-Kap. 12 (u ghalhekk anqas ma jammontaw ghal “mard mentali” fis-sens ta’ l-Artikolu 58(a) tal-Kostituzzjoni). Il-kaz klassiku huwa l-inabilitazzjoni minhabba prodigalita`. Huwa biss meta jigi deciz bhala fatt li ma hemmx tali decizjoni ta’ qorti li, jekk tibqa’ l-allegazzjoni ta’ mard tal-mohh, ghandha ssir referenza ghall-Bord Mediku.

Fil-kaz in dizamina il-partijiet qablu – ara l-verbal registrat fl-udjenza tal-10 ta’ Marzu, 2003 – li quddiem l-Ufficjal Revizur, l-istess Ufficjal Revizur talab il-parir tal-Bord Mediku minkejja l-opposizzjoni tar-rikorrent (l-appellant odjern) li f’dan il-kaz ma setghetx issir referenza ghall-Bord Mediku minhabba dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni, fis-sens li l-Bord Mediku ma setax jirrevedi decizjoni ta’ qorti f’Malta li tinterdici jew tinabilita minhabba “xi mard mentali”. Fuq dan il-punt, li huwa punt ta’ dritt (u ghalhekk hemm lok ta’ appell skond l-Artikolu 13(10) tal-Kap. 354), l-appellant ghandu ragun. Mill-atti jidher li l-appellant ma nghatax l-opportunita` li jipprova l-ezistenza ta’ tali

decizjoni, u ghalhekk id-decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur ser tigi mhassra.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka d-decizjoni ta' l-Ufficjal Revizur tal-20 ta' Frar, 2003, tqieghed lill-partijiet kollha fl-istess posizzjoni li kienu fiha immedjatament qabel ma beda jinstema r-rikors tad-19 ta' Novembru, 2002, u tibghat l-atti lura lill-Ufficjal Revizur sabiex dana jiddetermina l-imsemmi rikors skond il-ligi. Spejjez, jekk hemm, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

--------------------------------TMIEM--------------------------------